MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 29

23 ta' Ottubru 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 29 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ġimgħa 23 ta' Ottubru 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għall-minuta 2.5.4. **(Ref: P/7/1/Vol VIII)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

*"2.5.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-kwistjoni ta' Odette Zammit ma kellhiex tintrabat maż-żieda fin-numru ta' impjegati. Huwa kkummenta wkoll li l-proċess li wassal għall-għażla ta' Patricia Cordina kellu jitwaqqaf ma' l-impjieg ta' Yvonne Muscat, peress illi s-sejħa li saret f'Mejju 2009 kienet għal ingaġġ ta' impjegat wieħed. Huwa jemmen li l-każ ma' ġiex imressaq b'mod tajjeb quddiem id-Dipartiment, filwaqt illi jaraha nġusta li persuna tinżamm daqshekk fit-tul fi stat ta' nċertezza. Għal din ir-raġuni huwa stqarr ukoll li ser jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, kemm-il darba jiġi deċiż li tiġi mpjegata Patricia Cordina, minflok li jinbeda l-proċess mill-ġdid.".*

1.2. Il-Kunsillier C. Bartolo talab li tidħol minuta 6.5., filwaqt li 6.5. tiġi rinumerata 6.6 fil-minuti tas-seduta preċedenti u tinqara kif ġej:

*"6.5. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-pagament 004-09-09 u talab kjarifika dwaru. Hawnhekk ġie spjegat li l-pagament ta' €1,250 kien jifforma parti mill-pagament ta' €5,000 li sar lis-sassofonista Francesco Cafiso u l-band tiegħu għas-servizz tagħhom fl-Iljieli Melleħin. Il-bqija ġie ffinanzjat minn tliet sponsors differenti.".*

1.3. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni wkoll għall-minuta 15.1. (Ref: E/3/1/Vol II) tas-seduta preċedenti u talab li tinqara hekk:

*"15.2. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li matul ix-xahar ta' Ottubru 2009 il-Kunsill ser jikkordina korsijiet: fl-Ewwel Għajnuna, Malti, Spanjol, Żfin, Kickboxercise, Aerobics (Low / High Impact), u Yoga. Il-kors taż-żfin ser jiġi mgħallem mis-Sur Vince Zahra, bħas-snin imgħoddija, Kickboxercise ser jitmexxa minn Star Centre, filwaqt illi t-tnejn tal-aħħar ser jitmexxew minn Artemocion.*

*15.3. Is-Sur C. Bartolo spjega wkoll li l-għaqdiet Melleħin ser jiġu mistiedna jibgħatu l-uffiċjali għall-kors fil-Leadership Skills, li ser ikun miftuħ għall-għaqdiet Melleħin. Dan ser ikun bl-istess prezz offrut lil persuni ndividwali.".*

1.4. Il-minuti tas-seduta Nru. 28 li saret fit-30 ta' Settembru 2009 ġew approvati u ffirmati bl-emendi t'hawn fuq.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Servizz dwar il-Ġbir ta' Skart minn Northern Cleaning Cooperative Ltd (K/6/2/Vol V)

2.1.2. Is-Segretarju aċċenna għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li saru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar is-sitwazzjoni attwali rigward il-likwidazzjoni tal-koperattiva msemmija. Is-Sur C. Debono għarraf li d-Dipartiment wieġeb permezz ta' ittra datata 7 ta' Ottubru 2009, fejn qal li l-Kunsill għandu minnufih jibda l-proċess għas-sejħa bl-offerti skont id-dokument il-ġdid li ġie mgħoddi. Sadanittant, il-Kunsill irid jikseb tliet kwotazzjonijiet għal servizz ta' emerġenza li jkopri il-perjodu sa meta jiġi aġġudikat u mogħti l-kuntratt il-ġdid. Il-kuntrattur magħżul bil-kwotażżjonijiet irid ikollu l-istess *standards* u permessi meħtieġa li jinsabu fid-dokument ta' l-offerta.

2.1.3. Is-Segretarju kkummenta li d-Dipartiment mhux jirrejalizza li pagament ta' xahar wieħed biss imur lill'hinn mit-*threshold* tal-kwotazzjonijiet, għar-raġuni li attwalment il-Kunsill qed iħallas €5,394.39 (Lm2,315). B'hekk bil-mod li qed jipproponi d-Dipartiment xorta waħda ma tkunx qed tiġi osservata l-liġi. Min-naħa l-oħra, għalkemm diversi kunsilli lokali qed jaħdmu b'kuntratt skadut, l-ebda wieħed minnhom għadu ma ħareġ sejħa għall-offerti taħt il-kuntratt il-ġdid. Huwa għalhekk ippropona li għalissa s-servizz għandu jitkompla ma' Joseph Vella (ex-President tan-Northern Cleaning Cooperative Ltd), filwaqt li għandhom jitkomplew il-kuntatti mal-Kunsilli tar-reġjun biex issir sejħa għall-offerti flimkien magħhom.

2.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jissieħeb mal-Kunsilli tar-reġjun, kif ġew issa kostitwiti bl-emendi li kien hemm fil-liġi u din l-intenzjoni għandha tiġi komunikata lil kull wieħed minnhom. Kopja tal-korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura.

### 2.2.1. Devoluzzjoni ta' proprjetà pubblika (A/6/7/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-pass li jmiss f'dak li jirrigwarda d-devoluzzjoni tat-Torri l-Abjad huwa li jibdew il-kuntatti mal-Historical Military and Maritime Society bil-għan li jiġi fformulat ftehim *(guardianship deed)* li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-Kunsill u s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali *vis-à-vis* r-rijabilitazzjoni u t-tmexxija tal-istess bini.

2.2.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa.

### 2.3.1. Tindif volontarju taħt wiċċ l-baħar f'Anchor Bay (T/6/1/Vol III)

2.3.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċedenti u qal li fl-attivita` li ġiet organizzata mill-Professional Diving School Association (PDSA) f'Anchor Bay fl-10 ta' Ottubru 2009, ħadu sehem tmintax-il għaddas u voluntiera oħra li kienu qed jgħinuhom fuq l-art. Bl-iskart li nġabar imtliet tliet kwarti ta' *skip*. Għall-istess attivita` attenda wkoll il-Viċi Sindku E. Bartolo.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. *Green Challenge Award* u *Local Enterprise Support Scheme* (F/1/7)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għal minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf lill-Kunsill li fit-13 ta' Ottubru 2009 huwa flimkien mal-Viċi Sindku E. Bartolo ġew mistiedna jattendu konferenza stampa fejn tħabbru l-finalisti fiż-żewġ premjijiet. Il-konferenza ġiet indirizzata wkoll mill-Ministru tal-Finanzi l-Onor. Tonio Fenech, kif ukoll mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni l-Onor. Chris Said. Ġie spjegat li r-rebbieħ ta' xi wieħed miż-żewġ premjijiet jieħu €40,000, filwaqt li dawk li ġew *shortlisted* jieħdu €5,000 kull wieħed.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Premju Lokalitajiet Indaf u l-Iljieli Melleħin 2009 (A/5/3/5/Vol II)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.5. tas-seduta preċedenti u għarraf li wara t-tindif volontarju li sar bħala parti mill-attivitajiet fl-okkażjoni ta' Iljieli Melleħin 2009, saret talba lill-Bord tal-Evalwazzjoni fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni sabiex jiġu rkuprati parti mill-ispejjeż li saru f'din l-inizjattiva. Huwa qal li permess ta' Memo 47/2009 tal-4 ta' Awwissu 2009, kien tħabbar li ser jingħata kumpens għal dawk il-kunsilli lokali li jieħdu dawn it-tip ta' inizjattivi. Din l-għajnuna huma ntitolati għaliha dawk il-Kunsilli li jinvolvu għaqdiet mhux governattivi u r-residenti. Kull Kunsill parteċipant li għandu aktar minn ħamest elef resident, jista' jagħmel talba għal għajnuna finanzjarja li ma taqbiżx €2,000. Is-Sur R. Cutajar qal li ġiet sottomessa talba f'dan is-sens. Huwa qal illi l-fondi jistgħu jingħataw b'dan il-mod jiġu nklużi fir-rendikont tad-dħul u l-ispejjeż marbuta ma' l-Iljieli Melleħin 2009.

2.5.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.6.1. *European Neighbourhood Policy Instrument (ENPI)* (P/10/4)

2.6.2. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u qal li bi sħab ma' *leader partner* Taljan – Movimento Associazone Ambjentali Movimento Azzurro - saru erba' applikazzjonijiet bit-tema: (a) *International OASIS of Author*; (b) *International Technological OASIS for the Knowledge of Buildings by the Value Analysis*; (c) *International OASIS Contemporary Sculptors*; u (d) *International OASIS Pre-Existing Cultural and Environmental*. Is-Sur P. Cutajar qal li jixtieq juri apprezzament għall-membri tal-i*staff* tas-Segretarjat – Marica Azzopardi u Marvic De Bono li wrew impenn biex setgħu mtlew l-formoli tal-applikazzjonijiet li ntbagħtu.

2.6.3. Is-Sindku għarraf ukoll li waqt żjara fi Brussel bejn is-6 u t-8 ta' Ottubru 2009, huwa kellu kuntatti ma' istituzzjoni Griega, bl-isem ta' EuroTrans Consulting Ltd, li bħala *leader partner* applikat ukoll fuq programm wieħed bit-titlu: *Support in the Creative Arts Industry, New Technologies and Local Community Initiatives for Sustainable Cultural Dialogue*. Anke f'dan il-każ, il-Kunsill applika sabiex jisseħeb f'dan il-proġett.

2.6.4. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm.

### 2.7.1. Tisbiħ u arranġamenti tat-traffiku ġodda fi Triq Qasam Barrani (K/6/4/1)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni mressqa taħt l-Iskema Fondi Speċjali (Memo 48/2009), bil-għan li tiġi ffinanjata parti mill-ispiża nvoluta fit-titjib tas-*soft area* li hemm quddiem l-iskola. Is-Sur R. Cutajar qal li jidher li din qed tiġi kkunsidrata b'mod attiv, għar-raġuni li ntalab tagħrif addizzjonali dwar il-proġett. Huwa qal ukoll li ġiet sottomessa applikazzjoni quddiem il-MEPA, kif ukoll intalab parir mid-Dipartiment tal-Agrikoltura dwar it-tneħħija tas-siġar eżistenti. Mill-indikazzjonijiet li ngħata jidher li dawn it-tletin sigra jistgħu jiġu trasferiti għal x'imkien ieħor, li possibilment ikun qrib il-kosta, peress l-ispeċi nvoluta tirreżisti r-raxx tal-baħar.

2.7.3. Dwar il-parti li tinvolvi r-*roundabout* ta' Triq Qasam Barrani kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Ġdida, is-Sindku spjega li ma hemmx ħtieġa li titressaq *full application* mal-MEPA, għalkemm jeħtieġ li tinkiseb approvazzjoni mill-Awtorita` tat-Trasport. Biex tingħata din l-approvazzjoni l-ADT tikkonsulta mal-MEPA, bil-proċedura tad-*Development Notification Order*. Ix-xogħol li sar s'issa ma kienx jirrikjedi permess.

2.7.4. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm fuq dan il-proġett.

### 2.8.1. Premju EDEN - *European Destination of Excellence* 2009 (T/12/Vol II)

2.8.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti u stqarr li bejn is-6 u t-8 ta' Ottubru 2009 huwa kien fi Brussel, fejn ġie ppreżentat uffiċjalment il-premju msemmi. Il-Mellieħa kienet fost 22 belt Ewropea li rċeviet il-premju. Flimkien mas-Sur R. Cutajar attendu ukoll is-Sur Karl Anastasi li huwa membru fil-Koperattiva Rurali tal-Manikata, kif ukoll is-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru s-Sur Peter Portelli.

2.8.3. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li waqt l-istess żjara huwa attenda wkoll konferenza dwar it-turiżmu fejn kien hemm delegati mill-pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea, flimkien ma' rappreżentanti mill-lokalitajiet rebbieħa tal-premju. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa pparteċipa fil-*workshops* li saru waqt l-istess konferenza. Fuq proposta mressqa mis-Sindku, il-Mellieħa ntgħażlet ħalli flimkien ma' 14-il belt oħra tiġi nkluża fi proġett pilota dwar l-indikaturi li għandhom jiġu kkunsidrati biex pajjiż joffri l-aħjar pakkett turistiku. Waqt l-istess okkażjoni ttellgħa *stand* bi prodotti agrikoli, bħalma huwa tadam imqadded, ġulepp tal-ħarrub eċċ. Is-Sindku qal li l-ispejjeż għamlet tajjeb għalihom l-Unjoni Ewropea.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.9.1. Introduzzjoni ta' arranġamenti dwar l-użu tal-Moll tat-Tunnara (X/1/5)(T/4/13/Vol X)

2.9.2. Saret referenza għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku kkummenta li l-opri tal-baħar li soltu jitħallew fuq il-Moll tat-Tunnara issa ttellgħu kollha, u l-art li ngħatat it-tarmak tista' jiġi mmarkat biż-żebgħa b'konsultazzjoni mal-kumitat li għadu kemm twaqqaf bejn is-sajjieda u l-entitajiet kummerċjali li jużaw l-istess moll.

2.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.10.1. Korsijiet immexxija mill-Kunsill (E/3/1/Vol II)

2.10.2. Il-Kunsillieri C. Bartolo rrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-attendenza għal-laqgħa li ġiet organizzata għal dawk li applikaw biex jattendu l-korsijiet tal-Malti għall-Barranin kordinati mill-Kunsill u d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni. Huwa qal li l-attendenza kienet baxxa u wieħed jittama li jkun hemm studenti biżżejjed biex jibdew il-korsijiet. Huwa qal ukoll li d-dettalji tal-korsijiet l-oħra ser ikunu kif ġej:

| Kors | Bidu | Ħlas | Post |
|---|---|---|---|
| L-Ewwel Għajnuna | 02/11/2009 | €35 | Uffiċċju tal-Kunsill |
| Malti għall-Barranin | Beda | €35 | Uffiċċju tal-Kunsill |
| Malti għall-Barranin (Avvanzat) | Beda | €35 | Uffiċċju tal-Kunsill |
| Yoga | 29/10/2009 | €70 – 24 Sessjoni | Artemocion |
| Aerobics (High Impact) | 29/10/2009 | €70 – 24 Sessjoni | Artemocion |
| Spanjol | Għad m'hemmx konkorrenza biżżejjed | | |
| Aeorobics (Low Impact) | | | |
| Kickboxercise | 27/10/2009 | €60 – 12-il sessjoni; €100 – 24 sessjoni | Star Centre |
| Żfin | Data trid tiġi stabblilita | €58 – 26 Sessjoni €104 - Koppji | Skola Primarja Mellieħa |

2.10.3. Il-Kunsillier P. Cutajar ippropona li jsir kuntatt mal-Mellieħa Sport Club dwar il-possibilta` li l-bini li kien iservi bħala każin, illi jmiss ma' l-uffiċċju tal-Kunsill, jintuża għal korsijiet bħal ma huwa dak tal-kickboxercise.

2.10.4. Il-Kunsill qabel li għandu jsir il-kuntatt propost.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 26/09/09 – 15/10/09
- *Purchase Request Form* – 15/10/09
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 16/10/09

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. *Speed humps* fi Triq il-Kappillan Magri (T/3/2/Vol IX)

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għal ittra datata 29 ta' Settembru 2009, mibgħuta minn John Caruana ta' Splendid Guest House sabiex isiru *speed humps* fi Triq il-Kappillan Magri, bejn Triq Santa Marija u Triq Sant' Anna. Fit-talba ntqal li jkun hemm *pedestrians* li biex jevitaw it-turġien li hemm fil-bankina, ikun hemm minn ikollu jimxi fit-triq. Minkejja li t-triq hija dejqa, xorta waħda jkun hemm sewwieqa li jsuqu b' veloċita` żejda.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li mhux daqshekk faċli li l-vetturi jiżviluppaw veloċita` qawwija meta jitqiesu l-posizzjoni tal-parti tat-triq in kwistjoni, kif ukoll il-wisa' tagħha. Minħabba dawn ir-raġunijiet, kien hemm qbil li t-talba ma tistax tintlaqa'.

### 4.2.1. Dgħajjes fuq ir-ramla ta' l-Għadira matul ix-xitwa (X/1/4/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għal applikazzjoni datata 6 ta' Ottubru 2009, lid-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta` minn Hobie Sailors Group, sabiex jokkupaw biċċa art fuq ir-ramla tal-Għadira, qrib l-Adira Sailing Club. Dan bil-għan li jerfgħu d-dgħajjes matul ix-xhur tax-xitwa, minn fejn ikunu jistgħu jvarawhom meta t-temp jippermetti..

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba m'għandiex tiġi aċċetta għaliex tkun preċedent li diffiċli jiġi ripetut, kemm-il darba jkun hemm talbiet simili. Kien hemm qbil ukoll li jkun diffiċli ħafna li l-arranġament ikun limitat għax-xhur 'il barra mill-istaġun tal-għawm, kif ġara fil-każ tal-kjoskijiet li hemm fl-istess bajja.

### 4.3.1. PC 0046/09 – Żieda fl-għoli tal-bini fiż-żona Ta' l-Ibraġ (P/5/8/M)

4.3.2. Saret referenza għal applikazzjoni PC 0046/09 minn Chris Borg sabiex jinbidel l-għoli tal-bini fil-blokka ġdida li żdiedet ma' l-iskema tal-bini fiż-żona ta' l-Ibraġ. Inġibdet l-attenzjoni li din il-blokka żdiedet wara li tneħħew numru ta' qtajja' mill-iskema fiż-żona ta' Sellum. L-applikant qed jitlob li fuq in-naħa ta' Triq Mario De Vasi` l-għoli tal-bini jkun jikkonsisti f'massimu ta' *semi-basement* b'żewġ sulari fuqu, filwaqt li fuq in-naħa tat-triq il-ġdid jingħata permess għal *semi-basement* bi tliet sulari fuqu.

4.3.3. Ġie spjegat ukoll li l-għoli min-naħa ta' Triq Mario De Vasi` huwa skond kif stabbilit fil-Pjan Lokali. Skond il-*Policy* 2.1 tad-*Development Control Policy and Design Guidance 2007*, fil-Mellieħa huwa permess li jkun hemm *semi-basement*, tliet sulari fuqhom u *penthouse* rtirata 'l ġewwa. Skond il-Pjan ta' Struttura, meta l-iżvilupp ikun jinsab fil-periferija, l-għoli għandu jkun limitat għal-*basement* u żewġ sulari fuqu. Intqal ukoll li dan il-prinċipju ġie applikat fil-każ ta' Triq l-Assedju l-Kbir u Triq in-Ninfa Calypso, u llum huwa speċifikat fit-Pjan Lokali.

4.3.4. Is-Sindku R. Cutajar qal li jidher illi din l-applikazzjoni rriżultat minħabba li s-sidien involuti qed jilmentaw li bit-trasferiment li kien hemm minn Tas-Sellum għal Ta' Ibraġ, huma tilfu parti mill-area u għalhekk qed jitolbu li jiġu kkumpensati billi jingħataw sular ieħor.

4.3.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li meta qamet din l-*issue*, il-Kunsill kien ippropona li għandha tiġi kkunsidrata l-art li għadha mhux żviluppata, bejn Triq il-Miġbħa u Triq is-Sagħtar, jew jingħata kumpens fi flus.

4.3.6. Is-Sindku rrimarka li kemm-il darba, id-deċiżjoni li tiġi wtilizzata l-art f'Tal-Ibraġ għadha mhux finali, il-Gvern m'għandux ikun kostrett li jikkunsidra biss artijiet fil-Mellieħa.

4.3.7. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA, li jekk kemm-il darba d-deċiżjoni dwar iż-żieda ta' blokka ġdida f'Tal-Ibraġ għadha pendenti, għandu jiġi kkunsidrati siti oħra, anke barra mill-Mellieħa. F'każ li d-deċiżjoni dwar is-sit diġa ttieħdet, l-għoli tal-bini min-naħa tat-triq il-ġdida (parallela ma' Triq Mario De Vasi`) għandu jkun limitat għal *basement* u żewġ sulari biss. Din id-deċiżjoni ttieħdet għal raġunijiet estetiċi.

### 4.4.1. Għajnuna biex isiru kuntatti ma' Scout Groups barra minn Malta (S/6/Vol IV)

4.4.2. Saret referenza għall-minuta 4.1.1. tas-seduta Nru. 27 tal-31 ta' Awissu 2009 rigward talba li saret mis-Sur Steven Fenech, bħala *radio amateur* li jaħdem qrib mal-Mellieħa Scout Group billi jagħmel diversi kuntatti f'isimhom ma' gruppi simili barra minn Malta. Is-Sur Fenech talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex ikun jista jistampa l-*QSL cards*.

4.4.3. Kif ġie mitlub, is-Sur Fenech għadda stima sabiex jiġu stampati 4000 *card* li tammonta €145 u oħra ta' 5000 kopja li jiġu jiswew €175 bil-kulur u l-ispejjeż tal-posta nklużi fiż-żewġ każi.

4.4.4. L-ispiża ġiet approvata, sakemm fil-*QSL cards* jidħlu l-indirizz elettroniku flimkien mal-logos u dak tal-*European Destination of Excellence*. Il-Kunsill talab ukoll li jara l-*proof* qabel jibda l-istampar.

## 4.5.1. PA 4098/09 –Żvilupp f'Dawret it-Tunnara (P/5/8/D)

4.5.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni għall-applikazzjoni msemmija li tinvolvi l-bini ta' appartamenti bi ħwienet taħthom, spazju għall-parkeġġ u *boathouse* flimkien ma' rixtellu li jagħti għall-area magħluqa għall-vetturi quddiem il-*boathouses* eżistenti. Huwa qal li jidher illi l-applikant għandu l-intenzjoni li jiftaħ aċċess għall-vetturi għall-garaxxijiet li ser ikun taħt appartamenti proposti, min-naħa tal-*boathouses*, fejn jistgħu jidħlu biss il-*pedestrians*.

4.5.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li diġa jeżisti permess fuq din il-proposta, liema permess inħareġ permezz ta' applikazzjoni PA 3613/91. Dan ġie sussegwentement imġedded permezz ta' PA 7110/95; PA 2156/97; u PA 4516/04. Inġibdet l-attenzjoni ukoll li fl-2005 kien hemm applikazzjoni minn persuna differenti – PA 2117/05 – li kienet tinvolvi ż-żieda ta' *boathouse* oħra, flimkien ma' aċċess bil-vetturi. L-istess talba kienet ġiet irrifjutata mill-MEPA fuq insistenza tal-Kunsill u d-Dipartiment tas-Sajd.

4.5.4. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jirreġistra l-oġġezzjoni tiegħu li jkun hemm aċċess għall-garaxx tal-binja proposta min-naħa tal-*boathouses*. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-aċċess għall-garaxx tal-fond propost għandu jkun minn Dawret it-Tunnara.

## 4.6.1. PA 1494/07 - Alterazzjonijiet fi Framon Kiosk fl-Ghadira (P/5/8/G)

4.6.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għall-Aġenda tal-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Iżvilupp li ser tiġi trattata fl-4 ta' Novembru 2009. Huwa rrefera għall-applikazzjoni msemmija li tinvolvi l-bdil ta' struttura temporanja għal oħra permanenti, kif ukoll sabiex titkabbar il-pjattaforma tal-konkos eżistenti.

4.6.3. Is-Segretarju fakkar li issa huwa tard wisq biex jsiru rappreżentazzjoni, iżda fakkar li l-Kunsill kien diġa ressaq l-oġġezzjoni tiegħu li jkun hemm strutturi permanenti fuq ir-ramla, kif ukoll għat-tkabbir tal-pjattaforma. Dan għamlu fl-24 ta' Mejju 2007 u fis-26 ta' Frar 2008.

4.6.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li kienet ittieħdet.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 15 ta' Ottubru 2009.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn is-26 ta' Settembru u l-15 ta' Ottubru 2009.

6.3. Il-Kunsill ra l-kontenut tal-iskeda u approva l-pagamenti elenkati fiha.

## 7.1. Tħejjijiet għal Kompetizzjoni Fotografika u Poeżija (K/7)

7.2. Il-Kunsillier H. Fenech qal li t-tema magħżula għaż-żewġ kompetizzjonijiet hija "Mellieħa - *A Destination for All Seasons*". Kompla jgħid li għall-kompetizzjoni tal-fotografija daħlu ħames parteċipanti, filwaqt li f'dik tal-poeżija hemm sitta.

7.3. Is-Sindku ppropona li l-edizzjoni li jmiss ma tkunx attivita` separata, iżda tkun tifforma parti mill-Milied Mellieħi 2009 u tiżvolgi taħt it-tinda f'Misraħ il-Parroċċa.

7.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-proposta għandha tingħata aktar konsiderazzjoni.

## 8.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi 2009 (A/5/3/6)

8.2. Is-Sindku fakkar li abbozz tal-logo magħżul għall-Milied Mellieħi 2009 ġie mgħoddi lill-Kunsillieri kollha sabiex iressqu l-kummenti tagħhom. Bħala kontenut tal-edizzjoni 2009, is-Sur R. Cutajar ippropona li jinżamm il-qafas tas-sena preċedenti, u għalhekk issuġġerixxa li jittellgħa presepju ħaj fuq iz-zuntier tal-knisja, il-wirja tal-presepji, l-armar ta' *stands* bl-ikel, it-*trackless train*, u l-mixgħela biż-żkuk li jinġiebu mill-Ġermanja. Dwar tal-aħħar, is-Sindku għarraf li diġa saru kuntatti mad-ditta Express Trailers Ltd, li lesti jġibu iż-żkuk tas-siġar minn Adenau mingħajr ħlas.

8.3. F'dak li jirrigwarda l-ispettaklu mużikali u vokali, is-Sindku ssuġġerixxa li dan ikun imqassam fuq kull lejla bejn id-19 u l-25 ta' Diċembru. Għaldaqstant, ġew ikkuntattjati t-tliet għaqdiet mużikali u fil-fatt, kemm l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina u s-Societa` Filarmonica La Vittoria li kkonfermaw illi lesti jieħdu sehem. Is-Sur R. Cutajar għarraf li ssejħet laqgħa għall-għaqdiet kollha tal-Mellieħa u l-Manikata sabiex jiġi stabbilit il-mod kif dawn ser jieħdu sehem. Il-laqgħa għalihom ser issir fis-26 ta' Ottubru 2009.

8.4. Minħabba li l-possibilta` li tinġieb it-*trackless train*, is-Sindku ppropona li din id-darba, il-palk jintrama' fil-ġenb id-dejjaq tat-tinda, bi dritt l-Uffiċċju Parrokkjali.

8.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li ser jsiru avviżi fil-Gażżetta tal-Gvern, kif ukoll fuq gazzetta lokali ħalli ssir sejħa għal stimi biex tintrama t-tinda f'Misraħ il-Parroċċa, kif ukoll għall-kiri tal-apparat tal-audio.

8.6. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li, bħala parti mill-attivitajiet ta' Milied Mellieħi, ikun hemm Maratona tal-*Boxing* imtellgħa mill-Kunsill, li l-fondi miġbura permezz tagħha jmorru b'risq il-fond ta' Land Group.

8.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li attivita` sportiva bħalma huwa l-*boxing* forsi mhux kompatibbli ma' l-ispirtu li mistenni joħloq Milied Mellieħi. Huwa għalhekk issuġġerixxa li dan l-*item* jingħata aktar konsiderazzjoni qabel jiġi nkluż.

8.8. Fuq proposta tal-Kunsillier J. Azzopardi sabiex issir stedina lill-kunsilli ġemellati mal-Mellieħa s-Sindku wieġeb li din diġa saret verbalment fil-każ ta' Agia Napa, iżda mhux ser ikun possibbli għalihom li jattendu. Dwar Cavriglia jidher li dawn huwa xi ftit diżappuntati billi ma seħħewx l-iskambji mat-tfal tal-Iskola tal-Mellieħa u man-Nursery tal-Futbol, filwaqt li fil-każ ta' Adenau kien hemm bidla fl-amministrazzjoni. Is-Sur R. Cutajar qal li jridu jsiru sforzi biex tinżamm il-kontinwita` f'dawk li huma relazzjonijiet.

8.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-ewwel pass f'din id-direzzjoni huwa li jkun hemm kuntatti diretti fuq livell ta' Sindki sabiex jiġi mfassal programm ta' attivitajiet fuq perjodu ta' żmien (eż: sitt xhur jew sena).

8.10. Il-Kunsill iddeċieda li jkompli jiddiskuti dan is-suġġett fis-seda li jmiss.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi l-Artiklu 34 (b) tal-Att XVI tal-2009 li emenda l-Att dwar Kunsilli Lokali jipprovdi li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jista', wara li ssir talba ġustifikata u bl-approvazzjoni tal-Ministru, jawtorizza l-impieg tal-persunal klerikali aktar mil-limiti stabbilit mil-liġi;**

**Billi l-Artiklu 34 (ċ) tal-istess Att jipprovdi li l-Kunsill Lokali m'għandux jixtri servizz għal xogħol kerikali;**

**Billi wara talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, ingħata permess skond ittra datata 16 ta' Settembru 2009, sabiex jiġi mpjegat ir-raba' uffiċjal fi Skala 15 – wieħed 'il fuq mil-limitu stabbilit fir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali Riżorsi Umani; u**

**Billi fl-imsemmija ittra ngħata l-permess ukoll sabiex tiġi mpjegata persuna minn fost il-lista ta' persuni mgħoddija mill-Korporazzjoni għall-Impjiegi u Taħriġ, li ġew intervistati fid-9 ta' Ġunju 2009, filwaqt li sar test prattiku lil dawk li ġew *shortlisted*;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt indefinit mas-Sinjura Patricia Cordina, (ID: 455269M), b'effett mill-1 ta' Novembru 2009, skond il-provedimenti ta' u l-Avviż Legali 127 tal-1998, wara li ssir rijallokazzjoni ta' fondi fl-Estimi għas-sena finanzjarja 2009/2010 sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispiża nvoluta.".**
**(P/7/1/Vol VIII)**

9.2. Fil-bidu tad-diskussjoni, is-Sindku fakkar li l-mozzjoni dehret fuq l-aġenda li qed titressaq minnu u ssekondata mill-Viċi Sindku E. Bartolo. Minkejja dan huwa staqsa lis-Sur J. Buttigieg, bħala membru fuq il-Bord tal-Għażla, dwar jekk jixtieqx jissekonda l-mozzjoni. Dan billi l-prassi kienet li l-mozzjonijiet jiġu ssekondati minn membru tal-grupp li jkun fil-minoranza.

9.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg għarraf lill-Kunsill illi minkejja li m'għandu xejn kontra Patricia Cordina, fuq bażi personali, huwa kiteb lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-korrettezza tal-proċess li wassal għall-inġaġġ tal-istess persuna. Fl-istess ittra huwa lmenta li l-każ ta' Odette Zammit ma' kellux jintrabat ma' l-intervisti li saru mil-lista mgħoddija mill-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u Taħriġ. Min-naħa tiegħu, id-Direttur wieġbu verbalment li huwa ser jinvestiga għaliex mhux infurmat fuq il-każ, billi doveri marbuta ma' l-impjegati tal-Kunsilli Lokali jiġu trattati mill-Assistent Direttur James Catania. Huwa tenna li kieku nfetaħ il-proċess mill-ġdid, kien ikun hemm inqas telf ta' żmien biex tiġi mpjegata persuna. Is-Sur Buttigieg qal ukoll li ma jaqbilx mat-test fir-raba' paragrafu tal-mozzjoni għar-raġunijiet mogħtija aktar 'il fuq u għalhekk ma kienx f'posizzjoni li jissekonda l-mozzjoni.

9.4. Is-Sindku wieġeb li kemm-il darba ma ntalabx permess sabiex jiġi ngaġġat ir-raba mpjegat, il-possibilta` li tinżamm Odette Zammit kien jisfuma fix-xejn. Min-naħa l-oħra, kemm-il darba jirriżulta li dan ma jkunx legalment possibbli, kien tajjeb li ngħatat alternattiva oħra sabiex ma jixxekkilx x-xogħol tas-segretarjat. Huwa ġibed l-attenzjoni li l-liġi tal-Kunsilli Lokali kif ġiet emendata tipprojbixxi x-xiri ta' servizzi klerikali bil-kuntratt.

9.5. Wara aktar diskussjoni, ittieħed vot li rriżulta: Erba' (4) favur il-mozzjoni u Tlieta (3) kontra. Il-mozzjoni għaddiet wara li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku E. Bartolo.

### 10.1. Mozzjoni mressaq mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier H. Fenech, li tgħid:

**"Billi f'seduti preċedenti, il-Kunsill awtorizza l-għoti ta' kuntratti li jinvolvu l-impjieg ta' żewġ ħaddiema *full-time*, filwaqt li ser ikun hemm żieda fl-onorarja mħallsa lis-Sindku, bis-saħħa tal-emendi li saru fil-liġi tal-Kunsilli Lokali, permezz tal-Att XVI tal-2009; u**

**Billi l-Kunsill awtorizza wkoll l-għoti ta' kuntratti li kienu jinvolvu spiża aktar milli previż fl-estimi originali approvati f'Marzu 2009, f'dak li jirrigwarda t-Tindif ta' Toroq Mhux Urbani, il-Manutenzjoni ta' Ġonna u l-Istampar tal-Magazin tal-Kunsill;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-Estimi 2009 / 2010 għandhom jiġu riveduti kif jidher fl-iskeda t'hawn taħt:**

| Kont | Deskrizzjoni tan-Nefqa | Vot Attwali (€) | Vot Miżjud (€) | Żieda (€) |
|---|---|---|---|---|
| 1100 | Onorarja tas-Sindku | 6,030 | 9,500 | 3,470 |
| 1200 | Pagi tal-Impjegati | 50,323 | 61,521 | 11,198 |
| 1300 | *Bonuses* | 4,478 | 5,301 | 823 |
| 1400 | *Income Supplements* | 727 | 969 | 242 |
| 1500 | Sigurtà Socjali | 4,350 | 5,470 | 1,120 |
| 1700 | Sahra | 700 | 2,300 | 1,600 |

| Kont | Deskrizzjoni tan-Nefqa | Vot Attwali | Vot Miżjud | Żieda |
|---|---|---|---|---|
| 2970 | Magazin tal-Kunsill | 9,800 | 10,673 | 873 |
| 3052 | Tindif ta' Toroq Mhux Urbani | 20,300 | 24,077 | 3,777 |
| 3061 | Tindif u Manutenzjoni ta' Ġonna | 21,100 | 27,400 | 6,300 |
| | | (€) | (€) | (€) |
| 7502 | *Resurfacing* ta' Toroq | 220,000 | 270,000 | 50,000 |
| | | | Żieda Totali | 79,404 |

| | Vot s'Issa | Vot wara r-Riviżjoni |
|---|---|---|
| Somma ta' Kontinġenza | 94,502 | 15,099 |

(F/1/20)

10.2. Is-Segretarju spjega li l-aġġustamenti ndikata fil-mozzjoni huwa meħtieġa biex jiġi ffinanzjat l-impjieġ ta' żewġ persuni fuq bażi *full-time* fi Skala 15, kif ukoll għaż-żieda fl-ispejjeż mhux prevista fuq il-kuntratti l-ġodda dwar l-Istampar tal-Magazin, it-Tindif tat-Toroq Mhux Urbani u t-Tindif tal-Ġonna. Is-Sur C. Debono qal li jeħtieġ ukoll li jiżdied il-vot tar-*Resurfacing* ta' Toroq minħabba x-xogħlijiet li saru fuq il-Moll tat-Tunnara. Huwa spjega li fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2009/2010 kienet twarrbet soma ta' kontinġenza li tammonta għal €94,502 li tista' tagħmel tajjeb għas-somma meħtieġa ta' €79,404.

10.3. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li kemm-il darba jitħallew biss €15,099 bħala somma ta' kontinġenza, ma tkunx qed tinżamm l-10% tal-Allokazzjoni Finanzjarja u b'hekk ma jkunux qed jiġu osservati r-Regolamenti Finanzjarji f'dan ir-rigward.

10.4. Is-Segretarju wieġeb li għalkemm fit-tfassil tal-Estimi huwa jara li jkun hemm *surplus* ta' mhux inqas minn 10% tal-Allokazzjoni Finanzjarja, dan jagħmlu biss biex jinħoloq fond ta' kontinġenza. Ġie spjegat ukoll li r-Regolament 4 (1)(ċ) tar-Regolamenti Finanzjarji jistabilixxu l-persentaġġ ta' 10% għal skopijiet ta' *accounting* għaliex il-Kunsill huwa obbligat li jżomm bilanċ pożittiv fl-indikatur tal-qagħda finanzjarja bejn dħul u nfiq u dak li għandu jinġabar u li għandu jintefaq, li ma jkunx inqas minn 10%, jekk il-Ministru ma japprovax mod ieħor. Is-Sur C. Debono spjega wkoll li anke f'każ li r-regolamenti msemmi kien japplika għal fini tal-Estimi, huwa fakkar li hemm mill-inqas żewġ voti fl-estimi tan-nefqa kapitali li ma jistgħux jiġu mplimentati fix-xhur li ġejjin, minħabba permessi biex jitwettqu minn entitajiet regolatorji. Bħala eżempji huwa semma id-dwal fit-toroq ġewwa Santa Marija Estate; il-Park tal-Familja u l-Proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa, fost oħrajn.

10.5. Il-Kunsillieri J. Azzopardi, C. Bartolo u J. Buttigieg esprimew ruhom li ma jaqblux mal-mozzjoni peress li parti minnha hija marbuta mar-riżoluzzjoni li għaddiet skond il-minuta 9.1. aktar 'il fuq.

10.6. Peress li bl-emendi li saru fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali hemm provdut għal *allowance* lill-Kunsillieri, is-Sur R. Cutajar ppropona li fl-iskeda li tifforma parti mill-mozzjoni għandu jiġi nkluż ukoll vot ta' €1,800 biex jagħmel tajjeb għal din l-*allowance*, meta tidħol fis-seħħ l-emenda f'dan ir-rigward. Il-parti proposta sabiex tiġi miżjuda tinqara kif ġej:

| Kont | Deskrizzjoni tan-Nefqa | Vot Attwali (€) | Vot Miżjud (€) | Żieda (€) |
|---|---|---|---|---|
| 1800 | Onorarja tal-Kunsillieri | - | 1,800 | 1,800 |

10.7. Is-Segretarju wieġeb li l-*allowance* tal-Kunsillieri għadha ma ġietx iffissata mill-Ministru.

10.8. L-emenda mressqa mis-Sindku ġiet issekonda mill-Kunsillier P. Cutajar.

10.9. Il-mozzjoni għaddiet bl-emenda tas-Sindku, b'vot ta' erba' favur u tlieta kontra, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier P. Cutajar.

## 11.1 Sejħiet għall-Offerti dwar l-Kostruzzjoni u l-*Landscaping* ta' Ġnien Pubbliku fi wesgħa bejn Triq il-Miġbħa, Triq ix-Xehda u Triq l-Għasel. (P/4/23)

11.2 Is-Segretarju aċċenna għall-iskedi ta' l-offerti li daħlu sad-data ta' egħluq dwar s-sejħiet Nru. 8/2009 u 9/2009 li jinvolvu l-kostruzzjoni u l-*landscaping* rispettivament, ippjanati għall-wesgħa msemmija. Huwa għarraf ukoll li t-*Tender Adjudication Board* qed jara l-offerti li saru u rrakkomanda li l-kuntratt tal-*landscaping* għandu jingħata lill-Environmental Landscapes Consortium Ltd. Fir-rigward tal-kostruzzjoni, il-Bord għamel *shortlisting* ta' l-offerenti Ivan Cutajar, Central Asphalt Ltd u North To South Ltd, iżda talab li jingħataw aktar dettalji fuq *items* speċifiċi, kif jidher mir-rapport tal-istess Bord tas-16 ta' Ottubru 2009, mehmuż ma' dawn il-minuti.

11.3 Is-Segretarju ppropona li għandha ssir talba sabiex parti minn dan il-proġett tiġi ffinanzjata mill-Fond għat-Titjib Urban li huwa amministrat mill-MEPA.

11.4 Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 12.1. Żjara fil-Mellieħa minn grupp ta' Sindku Franċiżi (M/6/Vol V)

12.2. Is-Sindku għarraf li fit-3 ta' Novembru 2009, bejn it-3.15pm u l-5.00pm, ser ikun hawn fil-Mellieħa disgħin sindku Franċiżi, li ser ikunu qegħdin Malta jattendu konferenza. Is-Sur R. Cutajar qal li ġie mitlub mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni l-Onor. Chris Said sabiex il-grupp jittieħdu jżuru postijiet ta' interess fil-lokalita`. Huwa qal li beħsiebu joħodhom iżuru s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa u l-Manikata.

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 13.1. Tiswija ta' Triq Wied Musa (D/3/1/Vol V)

13.2. Is-Sindku aċċenna għall-*open day* li ser tiġi organizzata min-Noah's Arc Animal Sanctuary ġewwa l-Aħrax fl-1 ta' Novembru 2009. Il-Kunsill intalab jikkontribwixxi għal dan l-avveniment billi jagħmel it-tiswijiet meħtieġa fit-triq li twassal għall-istess post. Is-Sur R. Cutajar ippropona li t-triq tiġi mwittija permezz tat-torba.

13.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 14.1. Festa tal-Qara' Aħmar fil-Manikata (S/6/Vol IV)

14.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.7.1. tas-seduta 26 tat-12 ta' Awwissu 2009. Huwa għarraf li fil-kuntatti li kien hemm mal-Koperattiva Rurali tal-Manikata, ġie stabbilit li l-involviment tal-Kunsill fl-organizzazzjoni tat-tieni edizzjoni tal-Festa tal-Qara' Aħmar f'dak li jirrigwarda l-palk u l-i*stands* tad-Dipartiment tal-Kultura u l-kiri tal-apparat tal-audio.

14.3. Il-Kunsill approva l-arranġament diskuss u miftiehem mal-koperattiva.

## 15.1. Inċidenti mal-Gwardjani Lokali (W/3/1/Vol VIII)

15.2. Is-Sindku aċċenna għal inċidenti li ġraw fil-lokalita` fi Triq Qasam Barrani u Triq Ġorġ Borg Olivier fit-3 ta' Ottubru u fl-20 ta' Ottubru 2009, rispettivament. Is-Sur R. Cutajar speċifika li tal-ewwel kien jinvolvi l-*Green Wardens*, filwaqt li tat-tieni kien jinvolvi *Traffic Warden*. Huwa qal li ż-żewġ każi kienu jinvolvu kunsillieri li kkritikaw gwardjani lokali waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Huwa qal li dan imur kontra l-Kodiċi tal-Etika li jgħid illi rappreżentanti eletti għandhom iżommu lura milli jagħtu ordnijiet, struzzjonijiet jew direttivi għan-nom tal-Kunsill

sakemm ma jkunux awtorizzati.

15.3. Għal din il-parti tas-seduta attenda l-Uffiċjal Awtorizzat, is-Sur Raymond Grima. Huwa qara rapport li ħejja huwa stess dwar l-inċident tal-20 ta' Ottubru 2009. Inqara wkoll rapport li sar mill-aġenzija Guard & Warden Service House Ltd dwar l-istess inċident li kien jinvolvi l-gwardjana lokali W023.

15.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa kellu kull dritt illi jintervjeni mal-*Green Wardens* fit-3 ta' Ottubru 2009, għar-raġuni li dan kien jinvolvi persuna li ħadet l-inizjattiva biex tarmi kartun fil-*bring-in site* ta' Triq Qasam Barrani. Meta kienet hemm, din indunat li l-istess kartun ma' kienx jgħaddi mis-*slot* tal-kontenitur għall-karta. Meta ġiet avviċinata mill-*Green Wardens* li kienu *on duty*, dawn qalula biex jew tqatta' l-istess kartun b'tali mod li jgħaddi mis-*slot* jew toħodhom lura d-dar. Hija fil-fatt ġabret il-kartun biex tieħdu lura, iżda nżerta li dak il-ħin kien għaddej l-iscammel u tefgħathom hi. Is-Sur Buttigieg qal li jinsab konvint li l-persuna konċernata kellha ntenzjonijiet ġenwini għaliex fil-jum ta' qabel l-istess persuna staqsietu kif tista' tiddisponi mill-kartun. Huwa kkummenta li l-aġir tal-*Green Wardens* f'dan il-każ ċertament ma jinkoraġġix lin-nies jużaw il-*bring-in sites*.

15.5. Is-Sindku qal li xorta jibqa' l-fatt li l-persuna konċernata żbaljat. Personalment huwa esprima ruħu b'dan il-mod ma' l-istess persuna.

15.6. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta qal li l-uniku nuqqas min-naħa tal-*Green Wardens* kien meta ma ħarġux it-*ticket* dak il-ħin stess.

15.7. F'dan il-punt, is-Sindku ssusspenda s-seduta. Intervjena l-Uffiċjal Awtorizzat – R. Grima – u stqarr li kieku l-każ kien jinvolvi l-Pulizija, min jinqabad jabbuża kien jittieħdulu d-dettalji, ma jingħata ebda dokument fuq il-post u tintbagħat taħrika biex jidher quddiem il-Qorti. Is-Sur Grima qal li sfortunatament, ir-rejazzjoni tal-pubbliku meta jiġi kkonfrontat minn Gwardjan Lokali tkun differenti.

15.8. Is-Sindku rrefera wkoll għall-inċident ta' Triq il-Kbira u qal li huwa qatt ma' ta struzzjonijiet lill-Gwardjani Lokali biex jagħmlu rondi f'postijiet partikulari. Huwa qal li qed jgħid dan, peress li kien hemm min allega, li fuq struzzjonijiet tiegħu qed isiru rondi persistenti fi Triq il-Kbira, bejn Triq Franġisk Zahra u Triq il-Mitħna l-Ġdida u fiż-żona Ta' Pennellu. Huwa kkummenta wkoll li ebda kunsillier ma għandu jindaħal fil-ħidma tal-Gwardjani Lokali waqt il-qadi ta' dmirijiethom, iżda jista' jitkellem direttament ma' l-Uffiċjal Awtorizzat, mas-Sindku jew mas-Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal ukoll li qatt m'għandu wieħed jilgħab għall-gallarija.

15.9. Il-Kunsillier C. Bartolo kkummenta li fil-każ ta' Triq il-Kbira fejn kien involut hu, huwa lmenta mal-Gwardjana W023 dwar il-fatt li kienet qed tikkonċentra s-superviżjoni tagħha fuq il-parti bejn Triq Franġisk Zahra u Triq il-Mitħna l-Qadima, filwaqt li fl-istess ħin, it-traffiku kien imwaħħal f'żewġ postijiet differenti fit-toroq ewlenin.

15.10. Il-Kunsillier J. Buttigieg sostna li l-problemi ta' konġestjoni jeżistu tul it-toroq ewlenin, partikularment bejn Triq Snajjin sa Triq il-Marfa. Huwa semma l-parti ta' Triq il-Kbira bejn Triq it-Tonn u Triq il-Qalb Imqaddsa in partikulari u staqsa kemm qed isir infurzar tal-liġi biex ma tiġix okkupata l-*bus bay* li hemm fi Triq Ġorġ **Borg Olivier**, kantuniera ma' Triq San Pubbliju, b'imwejjed u siġġijiet jew bil-*parking*.

15.11. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li l-operaturi ta' negozji li jinsabu bejn Triq Franġisk Zahra u Triq il-Mitħna l-Qadima ressqu petizzjoni datata 22 ta' Ottubru 2009, fejn talbu li jitnaqqsu l-ħinijiet tal-*Un/Loading Bay* bil-għan li jkun hemm aktar ħin għall-klijenti tal-istess negozji.

15.12. Is-Sindku stqarr li din il-kwistjoni għandha tittieħed b'mod hollistiku flimkien mal-problemi oħra li hemm fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier.

## 16.1. Quddiesa fix-Xahar tal-Erwieħ (A/5/3/Vol VIII)

16.2. Is-Sindku ppropona li ssir Quddiesa fl-okkażjoni msemmija nhar il-Ħadd 1 ta' Novembru 2009 fiċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena.

16.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru l-arranġamenti meħtieġa flimkien mal-Kappillan Dun Karm Mercieca, biex isseħħ din l-attività.

**17.1. *Tournaments* tas-*Snooker* u l-*American Pool* (S/4/2/Vol III)**

17.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf lill-Kunsill illi saret sejħa għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet imsemmija għall-istaġun 2009/2010.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**18.1. Mixjiet f'żoni rurali fil-lokalita` (A/5/3/Vol VIII)**

18.2. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li jiġu organizzati seniela ta' mixjiet fiż-żoni rurali tal-Mellieħa u ssuġġerixxa li l-ewwel waħda ssir nhar il-Ħadd 25 ta' Ottubru 2009 fis-2.30pm minn fejn l-uffiċċju tal-Kunsill.

18.3. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

**19.1. Avventura Sajf 2009 (E/3/4/Vol VII)**

19.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għas-Sinjorina Marlene Cauchi li kienet waħda mill-voluntieri f'Avventura Sajf 2009. Hija offriet li tgħin f'din l-inzijattiva minkejja li ma ġiet imwiegħda ebda *voucher,* peress li n-numru ta' voluntiera meħtieġ kien intlaħaq. Cauchi li qed tistudja għal għalliema ħadet dan l-inpenn bis-serjeta`, tant li wriet dedikazzjoni u impenn, filwaqt li attendiet kuljum għal erbgħin sessjoni. Għal din ir-raġuni, is-Sur H. Fenech ippropona li hija tingħata *voucher* xorta waħda, bħala rikonoxximent għas-servizz li hija tat.

19.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' *voucher* għal valur ta' €244.

**20.1. Triq tal-Miżieb (D/3/1/Vol V)**

20.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li jeħtieġ isir *major patching* fit-triq imsemmija, fil-parti li tinsab qrib il-qagħda tal-wied. Jidher li l-materjal ta' taħtha nġarr mill-ilmijiet tax-xita.

20.3. Il-Kunsill qabel li t-tiswijiet għandhom jiġu assenjati lill-kuntrattur li għandu l-*period contract* dwar il-manutenzjoni tat-toroq.

**21.1. Abbuż mill-*bring-in site* ta' Triq l-Assedju l-Kbir (K/6/10/Vol III)**

21.2. Is-Sindku kkummenta li qed kulma jmur jiġi osservat skart li mhux suppost jitħalla fil-kontenitur tal-*bring-in sites*, liema skart ikun jikkonsisti fi skart domestiku jew goff. Huwa għalhekk għarraf li qed isiru l-kuntatti meħtieġa sabiex tiġi nstallata CCTV *camera* qrib l-istess *bring-in site* bħal dik li hemm viċin ir-roundabout ta' Selmun.

21.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li qed tittieħed.

**22.1. Tlielaq tal-*power boats* fl-Għadira (S/6/Vol IV)(A/6/3/2/Vol V)**

22.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 4.6.1. tas-Seduta 25 tal-25 ta' Mejju 2009, fejn kien deċiż li l-Kunsill għandu jissieħeb mat-Tunny Net Complex and Seabank Hotel biex ġiet organizzata l-attivita` fil-Bajja tal-Mellieħa fis-27 u t-28 ta' Ġunju 2009. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li waħda mill-prekawżjonijiet li ttieħdu f'każ ta' inċidenti, kien li nġiebu ambulanzi tas-Saint John's Ambulance Brigade. Huwa qal li dan is-servizz sewa €291.15.

22.3. Il-Kunsill approva dan il-ħlas minflok ix-xiri tat-trofej li ġew ippreżentati lir-rebbieħa, kif kien miftiehem oriġinarjament.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2009, fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |